MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 864/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**CHARLES BORG ta' 57 sena, iben John u Riccarda nee' Said, imwieled Qormi nhar it-28 ta' Lulju, 1954, residenti fil-fond numru 10, San Gandolfu, Triq Sir Walter Scott, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' numru 617654M;**
**U DR RAYMOND BORG ta' 56 sena, iben John u Riccarda nee' Said, imwieled Qormi nhar it-22 ta' Frar, 1956, residenti fil-fond 7, Triq Valletta, Attard, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 194856M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Charles Borg** u **Dr Raymond Borg** li gew akkuzati talli f’Haz-Zebbug, u fi bnadi ohra madwar dawn il-Gzejjer, fis-6 ta’ April, 2002, u fix-xhur ta’ qabel, u dawk ta’ wara:

a. B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b’qerq ta’ Lm3,000.00 bi hsara ta’ Raymond Zammit u diversi persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghhom, approprjaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ Lm1,500.000 ghad-detriment ta’ CB Motors Ltd (Gasan Enterprises Ltd), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju l-imputati kienu wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

- L-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 18, 293, 294, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli (folio 144), l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Rat fl-ewwel lok il-kwerela prezentata fl-atti minn dak iz-zmien l-Ispettur Bernard Zarb, mibghuta minn Dr L Bianchi f'isem Gasan Enterprises Limited fir-rigward ta' bilanc ta' flus dovuta tas-socjeta' mittenti fuq bejgh ta' vettura Volvo lil Charles Borg f'isem Alpha Colour Limited, folio 19 Dok LB. Ittra ohra mibghuta minn Dr L Bianchi, indirizzata wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija, tghid li stante li l-pendenzi kollha bejn Ray u Gasan kienu gew saldati, kien qieghed jitolbu jwaqqaf il-proceduri kontra s-Sur Borg.

Xehed ghalhekk Dr L Bianchi li kkonferma li kien hu li kien baghat l-ittri in kwistjoni, u li kienu saru arrangamenti ma' Charles Borg, ghax qal li Raymond Borg qatt ma kellu x'jaqsam ma' din il-kwistjoni. Qal illi l-complaint kien totalment withdrawn stante li kienu saru xi arrangamenti (folio9 23).

Xehed illi Charles Borg kien iffirma kambjali fuq vettura Volvo li xtara minghand Gasan. Din il-vettura kienet mixtrija fuq hire purchase b'klawsola fil-kuntratt li Borg ma setax ibiegh l-istess jew jitlef il-kontroll taghha. Minflok dan bieghha lil certu Raymond Zammit. L-ammont pero gie mhallas lil Gasan, tant illi Gasan kien anke hareg it-transfer tal-vettura fuq Zammit. Xehed Dr Bianchi li Raymond Borg f'dan kollu ma kellu x'jaqsam xejn.

Brian Farrugia ghall-ADT xehed dwar il-vettura Volvo 940, kulur blu, bin-numru tar-registrazzjoni EAC296, ikkonferma li kien hemm diversi mandati u kontro mandati, u kontro mandati fuq il-vettura li kienu qed jinhargu minn Alpha Colour Limited. Xehed ukoll li din il-vettura kienet giet transferred minn fuq Alpha Colour Limited ghal fuq Raymond Zammit fit-18 ta' Novembru, 2002. Ikkonferma li fuq il-log book kien jidher illi din kienet vettura mixtrija bil-hire purchase, Dok BF folio 134.

Minn naha tieghu Raymond Zammit xehed illi xogholu kien li jixtri u jbiegh il-karozzi. Qal illi hu kien xtara Volvo

minghand l-imputat Raymond Borg. Xtraha ghall-ammont ta’ Lm3,000.00, ammont li hallas b’zewg cekkijiet, it-tnejn indirizzati lil Raymond Borg, anke ghaddihom lilu.

Ivverifika anke skrittura (Dok RZ folio 61), li saret dwar l-istess bejgh iffirmata minnu u skondtu hemm ukoll il-firma ta’ Borg. Insista li din l-iskrittura giet iffirmata minnu u minn Ray Borg.

Xehdu wkoll minn jeddom l-imputati. Ghandu jinghad ukoll illi t-tnejn li huma kienu rrilaxxaw stqarrijiet, pero dawn gew hekk rilaxxati minghajr ma nghataw id-dritt tal-assistenza legali, ghaldaqstant din il-Qorti kienet lesta tiskarta l-istess, minhabba tali nuqqasijiet sanati llum mill-Qorti Kostituzzjonali. Issa ghandu jinghad ukoll illi z-zewg imputati ghazlu biex jixhdu. Fiz-zewg kazijiet id-Difiza ghazlet illi taghmel ampja referenza ghall-istqarrijiet, allura fil-fehma ta’ din il-Qorti, b’hekk stante li issa l-kontenut taghhom gie kkonfermat bil-gurament, b’ghazla ta’ l-istess imputati, allura dawn illum ghandhom valur probatorju komplet.

Minn naha tieghu Raymond Borg xehed illi hu kien direttur tal-kumpanija Alpha Colour Limited minbarra kumpaniji ohrajn. Wiegeb illi l-Volvo in kwistjoni kien xtraha huh Charles f’isem l-istess kumpanija. Qal illi kienet inbieghet lil Raymond Zammit ta’ Raymond Auto Dealer fis-6 ta’ April, 2002. Fil-fatt ma kienx jaf lil min kienet issejjah din il-vettura, lanqas jekk kienx sar it-transfer. Qal illi ghalkemm kien qed juzaha hu din il-vettura, huh kien qallu li kien hemm xi hadd interessat fiha u kien fil-fatt mar hu biha ghand Zammit. Kien ghalhekk innegozja ma’ Zammit is-somma ta’ Lm3,000.00. Ikkonferma li Zammit kien hallas b’cheque. Ammetta li kien jaf li fuq il-vettura kien ghad hemm bilanc x’jithallas. Qal ukoll illi b’dan kollu ma kienx qal lil Zammit ghax ma staqsiehx. Qal illi l-vettura nbieghet ghax ma kellux bzonnha, u b’hekk kellhom jithallsu l-kambjali. Qal illi hu ma kellu ebda ntenzjoni jidhaq b’Raymond Zammit. Qal ukol illi fil-hin tal-ftehiem ma kellux il-log book f’idu. Innega li hu kien jaf x’inhi r-Regulation 25.

Zied fix-xhieda li wara li rcieva t-Lm3,000.00 minghand Zammit, hallsu lil Gasan.

Rega' xehed aktar tard l-istess Raymond Borg u spjega li verament din il-karozza kellhom ihallsu dejn fuqha lil Gasan, dan meta huma kienu qed jinnegozjawha ma' Raymond Zammit Auto Dealer. Gara pero li kienu marru ghand Gasan biex jirrangaw fuq dan, pero Gasan kien tahom statement b'certi ammonti ta' nteressi u charges li huma ma qablux maghhom, u ghaliex damu ma rrangaw, Gasan kien irrapurtahom li kienu bieghu, u allura mhux imhallsa. Qal illi fil-fatt kienu hallsu lil Gasan qabel ma nbdiet l-istess kawza.

Minn naha tieghu Charles Borg xehed ukoll b'referenza ghall-istqarrija minnu rilaxxata. Ikkonferma wkoll illi hu kien direttur tas-socjeta' Alpha Colour Limited. Qal illi l-vettura kien Raymond Borg li bieghha lil Raymond Auto Dealer. Qal illi hu ma kienx prezenti meta nbieghet din il-karozza u li l-ftehiem ghamlu huh, pero zied illi kien jaf li huh kien biegh l-istess karozza. Qal illi hu biegh il-karozza biex jehles mid-dejn li kellu ma' Gasan, ghalhekk qieghed dawn it-Lm3,000.00 b'bank account, pero gara li dawn il-flus kollha uzahom. Qal illi meta hareg ic-cheques biex ihallas lil Gasan, ghax kienu post-dated ma kienx jaf li ma kienx ser ikun hemm flus fil-kont, anzi kellu ntenzjoni jpoggi certu flus f'dan il-kont biex l-istess cheques jigu onorati. Qal illi kien hu li kien jiehu hsieb l-accounts tal-kumpanija. Innega li fuq l-ircevuta gia' ezebita bhala Dok RZ kien hemm il-firma tieghu. Ikkonferma wkoll illi Gasan kienu thallsu ta' kollox.

Anke Charles Borg ghazel li jerga' jzid max-xhieda tieghu, u qabel ma' huh li l-hlas ma' Gasan ma kienx sar mill-ewwel ghaliex ma kinux qablu ma' xi konteggi.

Dr L Bianchi ngab jerga' jixhed u kkonferma li minhabba hlas kienet qieghda tigi rtirata l-kwerela.

Ikkunsidrat:

Illi ma tistax din il-Qorti ma tikkummentax ghat-tul ta' zmien zejjed li hadet din il-kawza meta ngabu provi ftit u skarsi fuq il-mertu.

Irrizulta li verament il-vettura Volvo kienet mixtrija minghand Gasan bis-sistema ta' hire purchase, Regulation 25, allura ma setghetx tigi mibjugha jew assenjata lil terzi jekk mhux imhallsa. Jidher illi l-ahwa Borg bejniethom, ghax min ha l-karozza ghand Raymond Zammit u min ghamel in-negozju, ftehmu li jbieghu l-istess Volvo lil dan Zammit - dan allavolja fuqha kien hemm id-dejn. Ma waslux jew kellhom xi divergenzi ma' Gasan fuq il-bilanc dovut. Sakemm irrangaw dan ma' Gasan, dan prezenta kwerela fuq il-fatt illi dawn kienu bieghu l-vettura nonostante li kienet ghadha bir-Regulation 25. Il-hlas fil-fatt sar tant illi Dr Bianchi fil-bidu ta' dawn il-proceduri kien deher jirtira l-kwerela. Ammetta Charles Borg li hu kien hareg pagamenti tramite cheques post-dated li ma ssarfux, pero qal ukoll illi hu kellu ntenzjoni jonora l-istess pagamenti billi jiddepozita fl-istess kont.

Frankament ftit ghandha xi tghid din il-Qorti, tenut tar-reati addebitati. Minn imkien ma jirrizulta l-elment kardinali tal-frodi, cioe' dak tal-qerq. Jekk riedu l-ahwa Borg iqarrqu b'Gasan jew Zammit, dan l-element ma giex pruvat. Lanqas ma jirrizulta r-reat ta' misapproprijazzjoni ndebita, tenut kont ta' dan qieghda tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------